MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2011

Talba Numru. 986/2009

**Albert Camilleri
ID-839851M**

**vs**

**Khalid Matroud El-Roziqi Mohammad Abdullah (ID-28576A) u
Lawand Khaled Khaled (ID-26632A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara illi l-attur biegh lill-konvenuti vettura tat-tip Ford Fiesta registrazzjoni numru *IBC 573* liema vettura giet debitament konsenjata lilhom. Illi dan il-bejgh sar ghall-prezz ta’ elf, mitejn u hamsin Ewro (€1,250) mil-liema prezz thallsu biss l-ammont ta’ hames mitt Ewro (€500). Ghalhekk il-bilanc fuq il-vettura huwa dak ta’ seba’ mija u hamsin Ewro (€750) li flimkien ma’ tlett mija u hamsin

Ewro (€350) mhallsa mill-attur ghall-insurance jaghmlu l-ammont dovut ta' elf u mitt Ewro (€1,100).

Illi dan l-ammont kien indikat f'cheque HSBC numru 74 izda li ma ssarrafx.

Il-konvenuti minkejja li interpellati permezz ta' ittra legali datata 12 ta' Novembru, 2009 baqghu inadempjenti. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi ghalkemm il-konvenut Khalid Abdullah kien tassew xtara l-vettura Ford Fiesta (*IBC 573*) u hallas deposit ta' hames mitt Ewro (€500) bil-ftehim li jhallas il-kumplament ta' l-ammont dovut permezz ta' tlett pagamenti ohra, l-attur l-ewwel accetta dan il-ftehim u mbaghad rega lura minn kelmtu u esiga pagament wiehed sabiex jigi saldat l-ammont li kien ghadu dovut. Illi gara pero li ftit tal-jiem wara li l-konvenut xtara din il-vettura, huwa sab li kienet milquta minn difetti latenti u ghaldaqstant esiga li jirritorna l-vettura lura lill-attur, izda dan irrifjuta. Illi l-konvenut Khaled Khaled ma ghandu xejn x'jaqsam ma l-akkwist tal-vettura msemmija izda biss accetta li din tkun assigurata fuqu u tinstaq minnu sakemm il-konvenut l-iehor Khalid Abdullah jinghata l-licenzja tas-sewqan. In vista tas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez.

Ra l-kontrotalba pprezentata mill-konvenuti rikonvenjenti, li permezz taghha l-konvenut rikonvenjenti Khalid Abdullah qed jesigi li jigi refuz is-somma ta' hames mitt Ewro (€500) referibbli ghad-deposit mhallas minnu ghall-vettura (*IBC 573*) stante li din kienet milquta minn difetti latenti.

Ra r-risposta tal-attur rikonvenut, li eccepixxa illi t-talbiet kif dedotti mill-konvenut fil-kontro talba tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma inveritieri u skoretti kif ser jigi ppruvat. Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez minn issa kontra l-konvenut li qed jaghmel il-kontrotalba.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti minnhom.

Sema’ t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi mid-deposizzjoni li nghatat mill-attur irrizulta illi l-vettura in kwistjoni, bin-numru ta’ registrazzjoni *IBC 573* inxtrat mill-konvenuti versu l-prezz ta’ elf mitejn u hamsin Ewro (€1,250). Illi l-konvenut Mohammad Abdullah wettaq pagament akkont tal-prezz fl-ammont ta’ hames mitt Ewro (€500), u ffirma skrittura ta’ akkwist ta’ din il-vettura, li kopja taghha tinsab a fol. 18 tal-process.

Illi l-istess attur xehed illi l-konvenut Mohammad Abdullah ma kellux licenzja f’ismu, u ghalhekk meta marru ghand l-assigurazzjoni, il-licenzja u l-istess assigurazzjoni tal-vettura gew irregistrati f’isem il-konvenut l-iehor, Lawand Khaled Khaled. L-istess attur xehed illi l-hlas dovut lill-assigurazzjoni in konnessjoni mal-polza ta’ assigurazzjoni relattiva ghal din il-vettura, fl-ammont ta’ tliet mija u hamsin Ewro (€350), thallsu mill-istess attur. Illi l-istess attur iddikjara illi t-transfer relattiv ghal din il-vettura sar fuq il-konvenut Khaled, u dan sar bi qbil mal-konvenut l-iehor Abdullah.

Illi l-istess attur xehed ukoll illi inhareg cheque mill-konvenut Abdullah ghall-bilanc, u cioe’ fl-ammont ta’ elf u mitt Ewro (€1,100), izda dan ic-cheque ma giex onorat mill-Bank ghaliex ma kienx hemm bizzejjed flus. L-istess attur, in ri-ezami, xehed illi ghalkemm meta l-konvenut xtara l-vettura in kwistjoni din kienet f’kundizzjoni tajba, wara li din ghaddiet fil-pussess tal-konvenut, il-kundizzjoni taghha ddeterjora hafna.

Illi l-konvenut Mohammad Abdullah fl-affidavit tieghu (a fol. 23) iddikjara illi kien jaf illi din il-vettura kienet mudell tal-1985, izda qal li kienet sufficjenti ghall-htigijiet tieghu sabiex igorr materjal relatat max-xoghol tieghu, bhal m'huwa madum u ghodda zghar.  Din kellha tinstaq minn persuna impjegata mal-konvenut, certu Mahmoud Abdessalam.

Illi l-istess konvenut stqarr illi l-bilanc dovut fuq il-karozza, inkluz tliet mija u hamsin Ewro (€350) tal-insurance, kellhom jithallsu fi zmien tliet (3) ijiem.  Il-persuna l-ohra, u cioe' il-konvenut l-iehor f'isem min giet irregistrata l-vettura, kien habib tal-konvenut, u l-vettura giet irregistrata f'ismu ghaliex kellu licenzja valida sabiex isuq hawn Malta.

Illi l-istess konvenut ikkonferma li hareg cheque fl-ammont ta' elf u mitt Ewro (€1,100) favur l-attur, izda dan ma ssarrafx ghaliex l-istess konvenut kellu jircievi hlas minghand terzi ghal xoghol li kien ser jghamlilhom, izda dawn kienu ghadhom ma hallsux.  L-istess konvenut xehed illi l-Avukat tieghu avvicina lill-attur u ppropona li l-bilanc dovut jithallas permezz ta' tliet (3) pagamenti, u tigi mhejjija skrittura f'dan is-sens, izda l-attur ma accettax din il-proposta.  Illi minhabba l-insistenza tal-attur li jithallas il-bilanc kollu permezz ta' pagament wiehed, il-konvenut stqarr illi offrilu li jaghtih il-karozza lura u jzomm id-deposit ukoll.

Illi l-konvenut qal ukoll illi sa dak iz-zmien, il-karozza kienet ghadha ma ntuzatx, u meta ttenta juzaha, sab li l-brakes ma kienux qed jahdmu sew, oltre li ma kinitx tissakkar kif suppost.

Illi f'Novembru 2009 l-istess konvenut mar l-Ghassa tal-Pulizija u talab lis-Surgent jikkomunika mal-attur sabiex javzah sabiex jiehu l-karozza lura u jzomm id-deposit, ghaliex l-istess konvenut ma ridhiex minhabba d-difetti indikati.

Fl-istess affidavit, il-konvenut iddikjara li huwa dispost li jhallas sitt mitt Ewro (€600) mill-bilanc dovut, u ghalhekk

jitnaqqas il-prezz miftiehem, u dan sabiex tali tnaqqis jirrifletti u jghamel tajjeb ghall-hsara li l-konvenut qed jilmenta minnha.

Illi in kontro-ezami l-konvenut ikkonferma illi l-karozza kienet qed tintuza mill-lavranti u nies li jahdmu mieghu, u cioe' li kienu qed juzawha tlieta (3) min-nies. Ikkonferma wkoll li kienet qed tintuza ghal skopijiet konnessi mas-sengha tieghu, u cioe' sabiex jingarr materjal u apparat. Mistoqsi talabx lill-attur jirrimedja l-hsara li kellha l-vettura u li dwarha qed jilmenta l-konvenut, jghid li le, u qal li avvicina lill-attur biss sabiex jitolbu jehodha lura.

Illi jghid ukoll illi l-vettura giet irregistrata f'isem il-konvenut l-iehor, u baqghet ma gietx trasferita ghal fuq ismu. Skond l-istess konvenut, din il-vettura giet *scrapped*, izda jichad illi dan sar ghaliex kien qed isir uzu hazin minnha u li din spiccat f'kundizzjoni hazina. Anzi jsostni illi hafna miz-zmien minn meta xtraha kienet ipparkeggjata barra d-dar tieghu.

Ikkunsidra,

Illi in forza tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob il-hlas ta' bilanc dovut in konnessjoni mal-bejgh lill-konvenuti, jew min minnhom, ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni *IBC 573*. Illi l-iskrittura relattiva ghal tali bejgh giet iffirmata mill-konvenut Khalid Matroud El-Roziqi Mohammad Abdullah, filwaqt illi l-vettura giet irregistrata f'isem il-konvenut l-iehor Lawand Khaled Khaled. Illi l-konvenut Abdullah irrikonoxxa d-debitu li ghandu mal-attur, tant illi rrilaxxja cheque favur l-attur ghall-hlas tal-bilanc imsemmi (kopja ta' liema cheque tinsab a fol. 20), liema cheque ma ssarafx minhabba insufficjenza ta' fondi fl-akkont bankarju relattiv. Illi dwar dan saret dikjarazzjoni *ex admissis* mill-konvenut stess fl-affidavit tieghu. Illi l-istess konvenut ikkonferma li minn meta giet akkwistata din il-vettura, din ghaddiet minnufih fil-pussess tieghu u baqghet fil-pussess tieghu, u xehed illi l-involviment tal-konvenut Khaled kien limitat biss ghal finijiet ta' trasferiment u registrazzjoni tal-vettura, peress illi l-vettura ma setatx tigi rregistrata f'ismu

konsgwenza tal-fatt illi ma kellux licenzja valida tas-sewqan rilaxxjata mill-Awtorita' lokali kompetenti.

Illi l-istess konvenut iddikjara illi ghalkemm inizjalment kien dispost li jhallas il-bilanc dovut lill-attur, imbaghad deherlu li ma kellux ihallas dan l-ammont ghaliex irrizultaw xi difetti latenti fl-istess vettura. Illi in forza tar-risposta pprezentata minnu, l-istess konvenut qed jitlob ir-rexxizjoni tal-bejgh, tant illi jiddikjara li ried jrodd lura din il-karozza; dan huwa korroborat ulterjorment mill-kontrotalba proposta mill-istess konvenut rikonvenjenti, fejn qed jitlob refuzjoni tas-somma ta' hames mitt Ewro (€500) imhallsa minnu akkont tal-prezz. Illi madanakollu, tali linja difenzjonali proposta mill-konvenut hija inkompatibbli max-xhieda li nghatat minnu stess permezz tal-affidavit tieghu, in kwantu ddikjara illi "*Jien nasal ukoll li naccetta tnaqqis fil-prezz ta' elf u mitt Ewro (€1,100) u nhallas sitt mitt Ewro (€600) minflok sabiex bil-kumplament inpatti ghad-difetti u hsarat li kont sibt f'din il-karozza u cioe' l-[brakes] u l-locks.*" (a fol. 24)

Illi tali asserzjoni hija kontradittorja ghad-difiza u l-azzjoni rikonvenjenti kif postulati mill-konvenut, in kwantu l-eccezzjonijiet u l-azzjoni tieghu huma bbazati fuq ir-rexxizjoni tal-bejgh, u ghalhekk l-*actio redibitoria*, mentri din l-istqarrija tindika li l-konvenut qed imbaghad jinvoka l-azzjoni aestimatorja, billi qed jipproponi u jitlob riduzzjoni fil-prezz.

Illi tali kambjament fil-linja difenzjonali addottata mill-konvenut rikonvenjenti hija in vjolazzjoni tal-principju *electa una via non datum recursus ad alteram*, u ghalkemm il-konvenut ghandu l-ghazla tal-azzjoni, madanakollu sabiex l-azzjoni wahda jew l-ohra tirnexxi, jehtieg illi jirrikorru r-rekwiziti mehtiega skond il-Ligi.

Illi sabiex l-azzjoni redibitorja tirnexxi, jehtieg illi l-oggett mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut - u cioe' l-vettura mertu ta' din il-kawza - tigi mghoddija lura u ritornata lill-attur, liema stat ta' fatt mhux talli ma sarx, izda skond dak dikjarat mill-istess konvenut, huwa impossibbli li jigi mwettaq, ghaliex skond hu din il-vettura giet *scrapped*.

Ikkunsidra,

Illi ghalkemm il-konvenut qed jallega illi l-vettura in kwistjoni kienet affetta minn difetti mohbija, liema difetti gew indikati bhala problema fil-brakes u problema fil-locks tal-istess vettura, ma ngabu ebda provi in sostenn ta' tali allegazzjoni; daqstant iehor ma ngabet u tressqet ebda prova in sostenn tal-allegazzjoni li saret mill-istess konvenut illi din il-vettura tant kienet f'kundizzjoni hazina li giet *scrapped*.

Illi ghalhekk, u galadarba l-konvenut rikonvenjenti naqas milli jressaq ebda prova in sostenn tal-allegazzjoni dwar difetti mohbija, tali difiza ma tistax tigi akkolta, u jsegwi ghalhekk, illi lanqas it-talba rikonvenzjonali ma tista' tigi akkolta.

Illi dwar il-konvenut Lawad Khaled Khaled, u cioe' dwar jekk dan ghandux flimkien mal-konvenut l-iehor jigi kkundannat ihallas l-ammont reklamat mill-attur, jigi rilevat illi ladarba l-ftehim ta' kompro-vendita tal-vettura in kwistjoni sar mal-konvenut Khalid Matroud El-Roziqi Mohammad Abdullah, u jidher li huwa pattwit u mhux kontestat mill-partijiet illi l-involviment ta' din il-parti kienet limitatament sabiex issir ir-registrazzjoni tal-vettura f'ismu, filwaqt illi l-pussess tal-vettura ghadda u baqa' f'idejn il-konvenut l-iehor, allura jqis illi tali konvenut m'ghandux jigi kkundannat ihallas il-bilanc tal-prezz dovut lill-attur in konnessjoni mal-akkwist ta' din il-vettura, u li ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut Lawand Khaled Khaled u jillibera lill-istess konvenut Lawand Khaled Khaled mill-osservanza tal-gudizzju, jghaddi sabiex jichad l-eccezjonijiet tal-konvenut Khalid Matroud El-Roziqi Mohammad Abdullah kif ukoll jichad il-kontrotalba mressqa mill-istess konvenut rikonvenjenti, u ghalhekk jilqa' t-talba tal-attur limitatament fil-konfront tal-konvenut Khalid Matroud El-Roziqi Mohammad Abdullah, u

jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elf u mitt Ewro (€1,100), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut khalid Matroud El-Roziqi Mohammad Abdullah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------